# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **18** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **it-Tnejn 17 ta' Marzu 2014 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sinjorina Desiree` Attard |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur John B. Camilleri |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Assistent Prinċipal | Is-Sinjura Lucille Bonnici |
| Skużat | Is-Sur Daniel Spiteri |

### ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 17.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Aġġudikazzjoni tat-Tenders
   a. KLM 2013/09 – Works tender for Civial works for leisre park in rural San Tumas.
   b. KLM 2013/10 – Worls tender for the Supply and Installation of equipment of leisure park in rural San Tumas
   c. KLM 2014/01 – Works tender for the resurfacing of parts of triq fil-limiti tal-mozz Marsaskala
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
9. Aġġornament.


Mayor
Mario Calleja

Vice Mayor
Desiree` Attard

Councillors
John Baptist Camilleri
Charlot Mifsud
Charlot Cassar
Elisabeth Cassar
Lawrence Ciantar
Daniel Spiteri
Sandro Gatt

Executive Secretary
Josef Grech

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 17(1) tat-18 ta' Frar 2014:**

1.1.2 Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi paġna 3 artiklu 2.1.2 ir-raba paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi qabel ma daħlet il-kumpanija Faces l-Kunsill kien jieħu ħsieb tal-manutenzjoni meħtieġa pero` wara li daħlu l-Faces dawn saru jieħdu ħsieb il-manutenzjoni huma. Dan peress li l-kumpanija Faces twaħħal il-bus shelters tagħha wara li jinġabu l-permessi neċessarji".*

- ***L-Ambaxxatur taż-żgħażagħ is-Sur David Massa daħal għal-laqgħa fis-6.15p.m***

***Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard pproponiet l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet.***

***Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 **Punti li joħorġu mill-Minuti:**

2.1 **Laqgħa Nru 17(1) tat-18 ta' Frar 2014:**

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal rigward artiklu #2.1.1 ta' paġna 2, it-tielet paragrafu fejn qal illi rċieva l-istqarrija mitluba pero` il-Gvern xorta jista jiddeċiedi sabiex jiżdied l-iskart f'dan l-impjant. Huwa żied jgħid illi l-Gvern jista japplika l-MEPA sabiex iżid l-ammont ta' skart li jidħol kemm il-darba iżid l-effiċjenza ta' l-impjant.

Is-Sindku wieġbu illi kemm il-Gvern preċedenti u kemm preżenti qablu illi jinbnew żewġ impjanti oħra ħalli ma jiżdiedx l-iskart ġo l-impjant ta' Marsaskala. Huwa żied jgħid illi dejjem jrid jkun hemm applikazzjoni l-MEPA u aħna bħala Kunsill jekk isir dan ser nkunu nfurmati.

2.1.3 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard staqsiet fuq paġna 6 paragrafu 5.0 is-seba paragrafu fejn staqsiet jekk il-Green MT ġabux il-boroż il-griżi.

Is-Sindku wieġiba li għadhom ma ġabuhomx iżda ordnati.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi anke l-flus għas-sena 2013 għadna ma rċevejniehomx.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li għandna niktbulhom u nagħtuhom *deadline* fuq il-boroż il-griżi peress li kellhom jġibuhom sa Jannar u sa l-aħħar ta' Frar kellu jibda jinġabar il-ħġieġ minn ġod-djar.

Il-Kunsill qabel unanimament illi naraw il-kuntratt u nitolbuh jirreloga ruħu u jħares in-nuqqasijiet skond il-kuntratt.

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 7 punt #3.7 fejn staqsa jekk il-kuntrattur kienx ġie jħallas għal-iskip u jekk kienx ħallas b'lura peress li l-iskip kienet ilha hemmhekk.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi ġie jħallas u ħallas anke bil-quddiem pero` il-Kunsill għad ma kienx ħa deċiżjoni li jżommlu ta' kemm kienet ilha hemm l-iskip fil-passat.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 5 punt #2.1.8 fejn staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi oħra minħabba li l-Kunsill issa kien irċieva anke biex jissieħeb mar-reġjun fil-każ tat-tender tad-dawl tat-toroq.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri wieġbu li s'issa hemm sitt Kunsilli illi ser jissibħu mal-kumitat konġunt u din kienet deċiżjoni li kienet ittieħdet fis-seduta preċedenti fejn il-Kunsill permezz tal-kumitat konġunt se jkun iktar awtonomu milli kieku issiħeb mar-Reġjun Xlokk.

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Informazzjoni dwar il-banda ta' Marsaskala:**

Is-Sindku beda biex jispjega illi din is-sena il-banda ta' Marsaskala ser tagħlaq 20 sena mill-bidu tagħha u aħna bħala Kunsill dejjem pruvajna ninvolvuhom pero` l-problema hija li aħna ma nistgħux naqbżu l-ammont tad-*direct order*, iżda il-membri tal-banda għalkemm jafu dan xorta qed jibqu jitolbu sabiex jitħallsu iktar mill-ammont tad-*direct order* cioe` €1165. Is-Sindku kompla jispjega illi din is-sena talabhom sabiex jdoqqu s-Sibt ta' qabel ma tibda l-festa ħalli nkunu nistgħu ninqgħadu mal-Kappillan u jinqasmu l-ispejjeż, iżda din il-proposta ma ġietx aċċettata.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li la għandna l-banda tal-lokal nużaw lilha u mhux inġibu banda oħra minn lokalita` oħra.

Is-Sindku qal li min-naħa tiegħu hu qatt ma ried li nġibu banda oħra minn lokalita` oħra iżda l-banda għal ebda raġuni ma trid iddoqq bl-ammont tad-*direct order.* Huwa qal li aħna mhux ha nindaħlulhom kemm iġibu bandisti iżda ma għandiex tinqabeż l-ammont tad-*direct order.*

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li għandna nagħmlu laqgħa magħhom forsi jintlaħaq kompromess.

Is-Sindku wieġbu illi hu min-naħa tiegħu kien ltaqa magħhom kemm il-darba u kull darba jispjegalhom illi aħna marbutin li ma nistgħux inħallsu l-ammont li qed jitolbu u mhux għax ma rridux inħallsu l-ammont mitlub minnhom.

Il-Kunsillier Charlot Cassar staqsa jekk nistgħux ngħinuhom b'xi mod ieħor.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi ma nistgħux nagħtu donazzjonijiet lil banda , iżda nistgħu inħalsu biss għas-servizz basta ma jaqbiżx id-*direct order.*

Is-Sindku qal li din is-sena ser norganizzaw Villaġġ Ċiniż waqt l-attivita` Arti fil-Beraħ u hu kien ser jissuġerixxi illi ngħidulhom jdoqqu waqt din l-attivita` peress li mhux ħa jkun hemm bżonn il-kantanti.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar jagħmlu laqgħa mar-rappreżentanti tal-banda u jitkellmu magħhom jekk jaċċettawx illi jdoqqu bl-ammont tad-*direct order.*

3.2 **Utilisation of Urban Improvements Fund (UIF) (35/1382/14/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-MEPA bagħtulna komunikat fejn iddeċiedew illi 30% mil-fondi tal-UIF jistgħu jintużaw mill-MEPA biex jitnaddfu l-plots il-vojta liema flus jingħataw lura wara li s-sid ikun ħallas.

Is-Sindku qal illi hu kien tkellem mal-President tal-Assoċċjazzjoni tal-Kunsilli fejn il-President kellhu laqgħa mal-Ministru u qallu li dawn il-flus ma jistgħux jittieħdu peress li l-Kunsilli għandhom bżonn dawn il-fondi u għaldaqstant għalissa ghad m'hemm xejn ikkonfermat.

3.3 **Triq is-Sikka (35/1386/14/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lil-Kunsilliera illi l-propjetarju ta' din ir-residenza ma aċċettax l-ammont ta' €25.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nistennew u naraw x'ser ikun l-andament min-naħa tiegħu u dejjem inżommu l-kuntrattur illi waħħal l-isem tat-triq infurmat.

3.4 **Possibilta` ta' zebra crossing fi Triq il-Qaliet (35/1247/14/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fis-sena 2012 konna tlabna għal *zebra crossing* fi Triq il-Qaliet bejn Triq is-Sibbien u Triq l-Imriekeb iżda għad ma għandiex risposta.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nibagħtu *reminder* u nispeċifikaw illi issir *zebra crossing* bil-*belishia lights*.

3.5 **Traffic Management in Marsaskala (35/1155/14/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li meta tlabna sabiex issir *traffic managment* ħolistku t-talba tagħna ma ġietx milqugħa min-naħa tat-TMalta.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk waqt il-laqgħa pubblika kienx hemm qbil illi Triq in-Nadur, minn Triq il-Granmastri sa Triq tal-Gardiel issirx *one way* jew jsir *one way parking*.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li l-ewwel għidna illi Triq in-Nadur issir *one way* iżda wara iddeċidejna illi jitneħħa parkeġġ minn naħa waħda fi Triq in-Nadur.

Il-Kunsill qabel unanimament illi Triq in-Nadur tibqa kif inhi filwaqt li l-proposti tal-*one way system* fi Triq tal-Gardiel, Triq is-Sallur, Triq il-Kavallieri ta' Malta u Triq il-Granmastri tintbagħat għall-attenzjoni ta' Transport Malta.

3.6 **Xogħolijiet fi Triq Ħaż Żabbar:**

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li rċieva nformazzjoni fejn qal li kif titkompla tinqala Triq Ħaż Żabbar it-traffiku ser jiġi devjat kollhu minn Triq il-Blajjiet u jridu jduru mal-luzzu. Huwa żied jgħid illi la t-traffiku ser jiżdied jinsab prejokkupat illi jsir xi inċident ġo dan il-luzzu u jerġa jispiċċa mkisser.

Il-Kunsill qabel li nibagħtu lil TMalta sabiex ikun hemm iktar komunikazzjoni u li jibdew javżawna minn qabel bix-xogħol li jkun hemm ippjanat.

3.7 **Attivitajiet (35/1438/14/I):**

Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar infurmat lill-Kunsilliera bl-attivitajiet li ser jiġu organizzati:

1) Pageant mill-grupp ta' Hal Qormi bl-isem ta' Saltnatu fuq iz-zuntier tal-Knisja nhar il-Ħamis 10 ta' April fit-8.15pm wara l-eżerċizzi.

2) Esebizzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ser ikun hemm ko-operazzjoni mal-Każin tal-Banda Sant'Anna biex itella l-esibizzjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għalkemm il-flyers kienu ser jiġu ordnati min-naħa tal-Kunsill, il-Każin tal-Banda qalilna sabiex dan il-flyers ma jsirux min-naħa tagħna.

3) Weekend esebizzjoni sajd li hemm il-ħsieb illi jsir is-Sibt 17 u l-Ħadd 18 ta' Mejju ġewwa is-Sala San Gwakkin.

4) Arti fil-berah li ser issir is-Sibt 28 ta' Ġunju u hemm il-ħsieb illi barra s-sehem ta' esebituri li juru l-arti fl-artiġjanat u fit-tpinġija ser ikun hemm ukoll Raħal Ċiniż mtella bl-għajnuna taċ-Ċentru kulturali Ċiniż. Ser ikun hemm ukol ristorant Ċiniż

5) Car wash fis-17 ta' Awissu 2014 għal-fondi tal-Peru. Dan flimkien mas-*singer's contest* taħt is-sala tal-Knisja.

Is-Sindku żied jgħid illi nhar is-Sibt 22 ta' Marzu ser issir *pasta night* fis-Sala Sant'Anna u San Gwakkin u probabilment sa dak inhar ser jkunu ġabru madwar €10,000.00. Huwa żied jgħid ukoll li l-Eċċellenza tiegħu l-President Dott. George Abela tagħhom donazzjoni ta' €5,000.00. Is-Sindku qal ukoll illi hemmil-ħsieb illi bil-fondi li jinġabru jinxtara van hekk kif mixtieq minn Fr. Giovanni fil-Peru.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li jkun aħjar jekk nidħlu fi ftehim mal-Kappillan u jkollna rata fissa ta' kull darba illi nikru s-Sala mingħandu. Huwa kompla jgħid illi nistgħu nikkalkulaw kemm il-darba ser ntellgħu attivita` fiha u jagħtina l-prezz ta' sena sħiħa.

Is-Sindku qallu illi ma tistax tagħmel hekk għaliex ġieli użajna s-sala biss u ġieli użajna s-sala inkluż bl-ikel.

Is-Sindku kompla jgħid illi kiteb lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali fejn staqsih jekk il-bibita` tistax terġa tibda issir fi żmien il-Milied minflokk f'Jum Marsaskala.

3.8 **Klejm tas-Sinjura Josianne Ciantar Bonnett li ġarbet ħsara fuq il-vettura tagħha:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar iddikjara konflitt ta' interess u ħareġ minn ġol-laqgħa.

Is-Sindku qal illi s-Sinjura Ciantar Bonnett ġarbet ħsara fit-*tyre* tal-karozza tagħha minħabba ħofra mgħottija bl-ilma li kien hemm fi Pjazza Dun Tarcis Aguis. Huwa kompla jgħid illi hija preżentat rapport tal-puluzija u l-ħsara li ġarbet tammonta għal €127.40

Il-Kunsill qabel unanimament tiġi rimborsata 70% tal-ispejjeż li ġarbet fil-vettura tagħha.

3.8.1 Is-Sindku qal illi il-ħofra li hemm fi Pjazza Dun Tarcis Aguis ilna ngħidulu ħafna lil kuntrattur bijha u ma nistgħux nibqu inħalsu l-klejms meta in-nuqqas tax-xogħol qed jiġi min-naħa tal-kuntrattur.

Il-Kunsill qabel unanimament illi navżaw lill-kuntrattur biex jieħu azzjoni immedjata inkella jkollna noħorġulu *default notice*.

3.9 **Oneway system in Triq il-Kavallieri ta' Malta, Triq il-Granmastri, Triq tal-Gardiel (35/1464/14/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li qabel ma saret il-laqgħa pubblika konna rċevejna l-approvazzjoni ta' dawn it-toroq min-naħa ta' TMalta. Huwa żied jgħid illi waqt il-laqgħa pubblika kien hemm xi emendi li saru u għaldaqstant ser nerġgħu nibagħtu lit-TMalta għal-approvazzjoni bil-pjanti emendati.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

3.10 **Korrispondenza min-naħa tad-Diviżjoni tax-xogħolijiet biex isir xogħol f'Marsaskala (35/1488/14/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kellem lid-District Manager s-Sur Cioffi fejn infurmah illi ser jibgħatulna xi ħaddiema u aħna nirpovdulhom il-materjal. Huwa żied jgħid illi is-Sur Cioffi preżenta l-pjan ta' xogħol li bi ħsiebhom jgħamlu l-ħaddiema.

Is-Segretarju qal illi huwa kien infurmah illi mhux ser jiprovdi għal materjal tal-mollijiet peress li l-mollijiet ma jaqgħux taħt ir-responsabilita` tagħna.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li madwar l-ispralli ta' Triq ix-Xatt ghandu jsir bil-konkos. Huwa żied jgħid li t-triq li tagħti għal-Bidni hemm ċint nieqes li huwa perikoluż fil-każ ta' nċident peress li l-vettura tista tibqa niżla fil-wied.

Il-Kunsill qabel unanimament illi ssir laqgħa mad-diviżjoni tax-xogħolijiet u jiġu nfurmati l-Kunsilliera kollha bid-data tal-laqgħa.

3.11 **Informazzjoni dwar attivita` li se ssir mill-Kunsill Lokali tal-Qala:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi ser jsir kunċert ġewwa l-Knisja tal-Qala nhar is-Sibt 5 ta' April, fejn staqsa lill-Kunsilliera jekk hux interesaati li jmorru ħalli filkas anke jinkera van.

3.12 **Ikids 2014 with minions (35/1563/14/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser jibdew il-korsijiet tat-tfal bejn l-eta ta 4 u 10 snin f'Lulju. Huwa żied jgħid illi l-korsijiet ser jkunu b'xejn u jħalsu biss €10 għan-*notes*. Dan il-kors sa jkun sa massimmu ta' 60 student. Il-Kunsill iħallas bħas-soltu s-somma ta' €1160.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3.13 **Online streaming:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk nistgħux il-laqgħat li jiġu mxandra *online streaming* jiġu rekordjati ħalli dawk ir-residenti li ma jkunux jistgħu jaraw il-laqgħa jkollha l-opportunita` li jarawha.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nġibu stima kemm ser tiswina jekk tiġi rekordjata.

3.14 **Rapport ta' kull kwart Ottubru sa Diċembru 2013:**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega fid-dettal ir-rapport ta' kull kwart.

**Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard pproponiet l-approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart minn Ottubru sa Diċembru u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet.**

3.15 **Bini Amminstrattiv Ġnien Sant'Anna:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li flimkien mal-Perit tal-Kunsill u l-ħaddiema tal-IPSL kienu marru fi Ġnien Sant'Anna ħalli jħaffru biċċa sabiex jaraw kemm qiegħed l-isfel il-blat. Huwa żied jgħid illi niżlu madwar tlett piedi u nofs u ma sabux il-blat, imbgħad resqu ftit iktar u fetħu it-tappira tad-drenaġġ fejn kien hemm għoli ta' madwar sular u nofs qabel ma beda jidher il-blat. Is-Segretarju Eżekuttiv kompla jispjega illi l-Perit issuġġerixxa illi nqabdu kumpanija apposta u jsiru *core cut* f'xi sitt postijiet differenti għaliex biex isir pedament jekk il-blat huwa l-isfel ħafna ser jiġi jiswa ħafna flus.

Il-Kunsill qabel unanimanet illi nqabdu din il-kumpanija sabiex jsiru il-*core cuts*.

3.16 **Xogħolijiet ta' patching:**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa jekk għandiex risposta rigward it-trinka li kella issir fi Triq La Sengle.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi għand ma għandiex risposta min-naħa ta' l-Enemalta pero` ikun pass għaqli li l-Kunsill jistenna.

Is-Segretarju Eżekuttiv semma ammont kbir ta' toroq fejn kienet qiegħda issir manutenzjoni tat-toroq fosthom Triq il-Qaliet, Triq tal-Gardiel, Triq Sant'Anna, Pjazza Dun Tarcis Agius, Triq il-Gross, Triq is-Salini u għad fadal ħafna toroq fosthom Triq il-Bajja, Triq iż-Żonqor.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera li din is-sena b'dawn ix-xogħolijiet, il-Kunsill se jaqbeż sewwa l-budget allokat għall-manutenzjoni tat-toroq pero` m'hemmx alternattiva oħra minħabba li l-Kunsill qed jirċievi ħafna klejms. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti li l-proġett ta' *patching* bil-*hot asphalt* għandu jitkompla.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li Triq iż-Żonqor minn La Spigola sad-Dar il-ħamra qeda fi stat diżastrus. Huwa żied jgħid illi minħabba li din it-triq ser tintuża bħal *diversion road* meta ser jsir x-xogħol fi Triq Ħaż Żabbar għandna nagħmlu laqgħa mat-TMalta u nitolbuhom sabiex jgħamlu din it-triq huma peress li l-ammont ta' traffiku ġo din it-triq ser jiżdied jew inkella jagħmlu triq oħra peress li l-Kunsill kien ser jibda x-xogħolijiet fi Triq iż-Żonqor.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nitolbu laqgħa mat-TMalta.

3.17 **Bins, bankijiet u doggy bings:**

Is-Sindku qal li kellu laqgħa mar-rappreżentant tal-kumpanija *Blues Limited* fejn dan offrilna illi jagħtina *bins*, bankijiet u *doggy bins* iżda jwaħħlu l-*advertising* magħhom.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri issuġġerixxa illi jitwaħħlu bankijiet minn Triq il-Blajjiet sa ħdejn il-pixxina peress li m'hemmx.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard issuġġerit illi jitwaħħlu bankijiet fil-Bajja ta' San Tumas minflokk dak li hemm kollha sadid.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nitolbuh *doggy bins* u *bins*. Filwaqt li nitolbuh ukoll għal bankijiet u jitwaħħlu fi Triq iż-Żonqor minn Triq il-Blajjiet sa ħdejn il-pixxina kif ukoll fil-Bajja ta' San Tumas fejn il-gabbana minflokk dawk li hemm kollha sadid u fi Pjazza Dun Tarcis Aguis minn ħdejn il-BOV sa ħdejn it-Tiffany's. Apparti minn hekk il-Kunsill qabel ukoll illi nitolbuh *multisit* u jitwaħħlu fejn hemm *bus stop* mingħajr *bus shelter* u jkun jippermetti l-ispazzju.

3.18 **Laqgħa mal-Assoċjazzjoni tal-Ħwienet :**

Is-Sindku qal li kellu laqgħa mal-Assoċjazzjoni tal-Ħwienet fejn infurmawh li kellhom il-ħsieb illi din l-assoċjazzjoni terġa tingħaqad. Huwa kompla jgħid illi ħarġu bil-proposta illi fil-*weekends* jitneħħa l-parkeġġ tan-naħa tal-bankina tal-ħwienet u jiġi mdawwar bil-pjanti u minflokk jkunu jistgħu jpoġġu iktar imwejjed u siġġijiet fl-ispazju tal-parkeġġ bi ħlas. Huwa kompla jgħid illi hu qalilhom illi jekk jinħareġ il-permess talabhom sabiex jgħinu fit-tiżjien tal-Milied fi Triq ix-Xatt, Triq is-Salini, Triq il-Knisja, Pjazza Dun Tarċis Aguis u Triq tal-Gardiel.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma jistax jingħata permess tal-imwejjed u siġġijiet għal kull weekend, dan isir biss fil-festa jew f'xi attivita` speċjali. Huwa żied jgħid illi l-Kunsill jista` ma jsibx oġġezzjoni iżda l-permessi meħtieġa jridu japplikaw għalihom mal-Lands. Huwa qal ukoll illi peress l-Kunsill irid ikun kawt fuq raġunijiet ta' sigurta` minħabba li l-imwejjed u siġġijiet se jkunu qedgħin fit-triq. Il-Kunsillier L.Ciantar qal illi naqbel mas-suġġeriment basta li fil-bandli ma jiżdiedux l-encroachments.

➢ ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ħareġ mil-laqgħa fit-8.30p.m***

3.19 **Rimbors tal-flus mingħand il-Kunsilli Lokali rigward l-kawża tal-Impjant tar-Riċiklaġġ:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi rċevejna l-ħlasijiet mingħand il-Kunsill Lokali Żejtun, Kunsill Lokali Tarxien, Kunsill Lokali Għaxaq kif ukoll Kunsill Lokali Ħaż Żabbar.

3.20 **Latrini bi ħlas:**

Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jaqblux illi l-latrina ta' taħt il-Knisja issir b'tariffa.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi hu jmur idur il-latrini erbgħa darbiet fil-ġimgħa u dejjem sabhom bit-toilet paper, bis-sapun u dejjem nodfa.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din tiġi diskussa f'seduta oħra.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma l-Kunsilliera illi l-pagamenti #1105, #1107, #1108 tal-laqgħa 17 ġew ikkanċellati.

4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilli illi għadna erbgħa pagamenti li ma laħħaqniex indaħluhom fl-iskeda tal-pagament:

1) Ronald Bezzina pagament ta' l-*istreet sweeping and grass cutting* għax-xahar ta' Frar bin-numru tal-invoice 33 li jammont għal €3689.16
2) Ronald Bezzina pagament ta' l-*extra works* bin-numru tal-invoice 59 li jammont għal €670.00
3) Ronald Bezzina pagament tal-*grass cutting in non urban roads* għax-xahar ta' Frar bin-numru tal-invoice 14 li jammont għal €313.50
4) Mr. Patrick Mintoff pagament tal-*accountant* bejn 23 ta' Jannar 14 sat-22 ta' Frar 2014

Il-Kunsill qabel li nħallsu dawn il-pagamenti li se jiġu jidhru mbagħad fl-iskeda tal-pagamenti ta' wara.

4.3 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard staqsiet rigward pagament #1150 fuq xiex kienet il-kawża.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġiba illi kien hemm inċident fi Triq Sant'Anna kontra l-kuntrattur li kien jaħdem f'din it-triq u l-Qorti sejħet lilna ukoll u l-Avukata tagħna telgħet tirrapreżentana, għalkemm din hija triq arterjali.

**Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard pproponiet l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar issekonda.**

**Il-Kunsill approva unanimament.**

5.0 ***Aġġudikazzjoni tat-Tenders u Kwotazzjonijiet:***

5.1 **KLM 2013/09 – Works tender for civil works for leisure park in rural San Tumas:**

| | Kuntrattur | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | L&S Technical Consulting Ltd | €158,271.50 |
| 2. | Road Maintenance Services Ltd | Opt 1 €151,153.02 |
| | | Opt 2 €156,574.42 |

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara li saru diversi laqgħa mal-Bord tal-aġġuddikazzjoni, l-bord maħtur mill-Kunsill qed jirrakomanda lill-Kunsill illi din l-offerta tingħata lil *Road Maintenance Services Ltd* peress li kien l-uniku offerent li kien *technically and administratively complaint*, bl-offerta nru 1 wara li kien ħa l-parir min-naħa tad-Dipartiment tal-kuntratti. Il-kuntrattur Nru.1 L&S technical Consulting ġie meqjus bħala technically non compliant.

Il-Kunsill qabel unanimament illi din l-offerta tingħata lir-*Road Maintenance Services Ltd* sakemm ma jkunx hemm xi appelli.

5.2 **KLM 2013/10 – Works tender for the supply and installation of equipment of leisure park in rural San Tumas:**

| | Kuntrattur | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | L&S Technical Consulting Ltd | €90,205.00 |
| 2. | Projekte Global Ltd | Opt 1 €84,812.26 |
| | | Opt 2 €73,172.55 |
| 3. | M Quip | €86,518.75 |
| 4. | JGC Ltd | €84,995.75 |
| 5. | FGL Commercial Sales Ltd | €78,375.15 |

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara li saru diversi laqgħa mal-Bord tal-aġġuddikazzjoni, l-bord maħtur mill-Kunsill qed jirrakomanda lill-Kunsill illi din l-offerta tingħata lil JGC Ltd peress li kien l-uniku offerent li kien *technically and administratively compliant* kif ukoll l-orħos offerent peress li l-offerenti *Projekte Global Ltd* wara li bord ħa l-parir tad-Dipartiment tal-Kuntrattur ġie skwalifikat peress li ma issottomettiex il-*bid bond* oriġinali, filwaqt li l-offerenti *M Quip* u *FGL Commercial Sales Ltd* ma kienux *technically complaint.*

Il-Kunsill qabel unanimament illi din l-offerta tingħata lil JGC Ltd.

6.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

7.0 ***Mozzjonijiet:***

7.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier –Sur John B Camilleri (#060 – 3/3/14):**

*"Jipproponi sabiex jitwaħħlu 3 lampi ġodda fi Triq id-Dugħ ".*

Il-Kunsill qabel unanimament illi jitwaħlu dawn il-lampi.

7.2 **<u>Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John B. Camilleri(#061 –17/3/14):</u>**

*"Jipproponi sabiex jiġi nstallat apparat jew sistema li tipprovdi dawl u ilma bi ħlas lill-membri tal-għaqda baħħara u sajjieda jew min ikollu bżonn fi Triq San Ġorġ."*

Din il-mozzjoni ġiet irtirata

8.0 ***<u>Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.</u>***

Ma kien hemm l-ebda informazzjoni.

9.0 ***<u>Aġġornament:</u>***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.15p.m. Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Tlieta 22 ta' April 2014 fis-6.00pm

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku